



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 21.9.2010  
KUMM(2010) 490 finali

2010/0254 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE li ttrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum mill-bniedem**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman tistabbilixxi r-regoli li jirregolaw il-kompożizzjoni, l-użu ta' deskrizzjonijiet riżervati, l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattura u t-tikkettar tal-prodotti kkonċernati, sabiex ikun żgurat il-moviment ħieles tagħhom fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/106/KE tal-14 ta' Awwissu 2009<sup>1</sup> hija l-ewwel emenda għad-Direttiva 2001/112/KE. Hija tintroduċi l-valuri minimi ta' gradazzjoni Brix (kontenut ta' materja xotta solubbli) għal 18-il meraq tal-frott rikostitwit u purejiet tal-frott rikostitwiti u tispeċifika l-isem tal-bejgħ li għandu jintuża għal meraq tal-frott minn konċentrat. Din l-emenda għad-Direttiva hija bbażata fuq standards internazzjonali riveduti, b'mod partikolari l-Codex Alimentarius għall-meraq u għan-nektars tal-frott (Standard tal-Codex 247-2005) u l-Kodiċi ta' Prattika tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Meraq tal-Frott (European Fruit Juice Association - AIJN).

Dan l-abbozz ta' direttiva, Direttiva tal-Parlament u tal-Kunsill, huwa t-tieni miżura li qed temenda d-Direttiva 2001/112/KE u għandu l-għan li jinkorpora iktar dispożizzjonijiet tal-istandard tal-Codex Alimentarius, filwaqt li jikkunsidra wkoll il-Kodiċi ta' Prattika tal-AIJN. Dan l-abbozz ta' direttiva, li għandu natura teknika, jafferma mill-ġdid id-distinzjoni bejn il-meraq tal-frott u l-meraq tal-frott minn konċentrat, jissimplifika d-dispożizzjonijiet dwar l-għoti lura tal-palat u tar-riħa, jipprovdni għat-tneħħija taz-zokkor mil-lista tal-ingredjenti awtorizzati u jinkludi t-tadam fil-lista tal-frott li jintuża għall-produzzjoni tal-meraq tal-frott.

Is-suq tal-meraq tal-frott tal-Unjoni Ewropea jirrappreżenta 10% mill-konsum totali tax-xarbiet mhux alkoħoliċi. Fir-rigward tas-segmentazzjoni ta' dan is-suq, il-produzzjoni tal-meraq tal-frott minn konċentrat hija predominanti meta pparagunata mal-meraq prodott direttament (rispettivament 87.6% u 12.4%). Fil-livell tas-suq dinji tal-meraq tal-frott, l-uniku prodott li hemm kummerċ sinifikanti tiegħu huwa l-frott u l-konċentrat tal-meraq tal-frott (speċjalment il-meraq tal-larinġ), li l-parti l-kbira minnu jiġi mill-Brażil. Fir-rigward tal-meraq prodott direttament, il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea huma essenzjalment fornuti mis-suq Spanjol u anki mill-Brażil.

Id-Direttiva proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea.

Din id-direttiva proposta se ssegwi l-proċedura leġiżlattiva ordinarja pprovduta mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Se tikkunsidra, minn issa, ir-ridefinizzjoni tal-kompetenzi tal-Kummissjoni (l-Artikoli 290/291 tat-Trattat). Konsegwentement, se temenda l-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva attwali billi tinkludi l-miżuri implimentattivi kollha fil-kategorija tal-atti delegati.

---

<sup>1</sup> ĠU L 212, 15.8.2009, p. 42.

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum mill-bniedem**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>2</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>3</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Sabiex jittejjeb il-moviment ħieles tal-meraq tal-frott u ta' ċerti prodotti simili fi ħdan l-Unjoni Ewropea, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman<sup>4</sup> stabbiliet dispożizzjonijiet speċifiċi rigward il-produzzjoni, il-kompożizzjoni u t-tikkettar tal-prodotti kkonċernati. Dawk ir-regoli għandhom jiġu adattati skont il-progress tekniku u għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti, partikolarment l-Istandard tal-Codex għall-meraq tal-frott u għan-nektars (Standard tal-Codex 247-2005) li ġie adottat mill-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius waqt it-28 sessjoni tagħha tal-4-9 ta' Lulju 2005 u l-Kodiċi ta' Prattika tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Meraq tal-Frott (AIJN).
- (2) L-Istandard tal-Codex imsemmi hawn fuq jistabbilixxi b' mod partikolari l-fatturi ta' kwalità u r-rekwiżiti għat-tikettar tal-meraq tal-frott u ta' prodotti simili. Il-Kodiċi ta' Prattika tal-AIJN jistabbilixxi wkoll il-fatturi ta' kwalità għall-meraq tal-frott minn konċentrat u jintuża flivell internazzjonali bħala standard ta' referenza għall-awtoregolamentazzjoni fl-industrija tal-meraq tal-frott. Sa fejn huwa possibbli, id-Direttiva 2001/112/KE għandha tingiebb f' konformità ma' dawk l-istandards.

---

<sup>2</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>3</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>4</sup> ĠU L 10, 12.1.2002, p. 58.

- (3) Bla ħsara għal ċerti kundizzjonijiet, għandha tapplika d-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel<sup>5</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) u (5) tagħha. Għandu jkun indikat b'mod ċar meta prodott ikun taħlita ta' meraq tal-frott u ta' meraq tal-frott minn konċentrat u, għan-nektar tal-frott, meta jinkiseb b'mod sħiħ jew parzjali minn prodott ikkonċentrat. Il-lista tal-ingredjenti fit-tikkettjar għandha tinkludi l-ismijiet sew tal-meraq tal-frott kif ukoll tal-meraq tal-frott minn konċentrat li ntużaw.
- (4) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-adattament tal-elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2001/112/KE skont il-progress tekniku u l-aħħar żviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti. Id-delega tas-setgħat għandha tkun iddefinita b'mod espliċitu.
- (5) Id-Direttiva 2001/112/KE għandha tkun emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

#### *Artikolu 1*

#### ***Emendi għad-Direttiva 2001/112/KE***

Id-Direttiva 2001/112/KE għandha tiġi emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 3, il-paragrafi 3 u 4 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Għall-prodotti manifatturati minn żewġ frottiet jew aktar, ħliet fejn jintuża l-meraq tal-lumi u tal-lajm taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Parti II.2 tal-Anness I, l-ismijiet tal-prodotti għandhom ikunu supplimentati b'lista tal-frott użat, f'ordni mill-akbar sal-anqas volum tal-meraq tal-frott jew tal-purejiet tal-frott inkluż. Madankollu, fil-każ ta' prodotti manifatturati minn tliet frottiet jew aktar, l-indikazzjoni tal-frott użat tista' tiġi sostitwita bil-kliem 'ħafna frott' jew kliem simili, jew mill-għadd ta' frott użat.

4. In-nektars u l-prodotti speċifiċi tal-Anness III jistgħu jingħataw toġhma ħelwa biż-żieda ta' zokkor jew ta' għasel. L-isem tal-bejgħ għandu jinkludi l-kelma 'bi ħlewwa miżjud' jew 'b'zokkor miżjud', segwiti b'indikazzjoni tal-kwantità massima ta' zokkor miżjud, ikkalkolat b'ħala materja xotta u espress fi grammi għal kull litru."

- (2) L-Artikolu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

#### *"Artikolu 4*

It-tikkettjar tal-meraq tal-frott ikkonċentrat li saret referenza għalih fil-punt 2 tal-Parti I tal-Anness I li mhux maħsub li jitwassal għand il-konsumatur finali, għandu jkollu fuqu referenza li tindika l-preżenza u l-kwantità tal-meraq tal-lumi miżjud, tal-meraq tal-lajm miżjud jew tal-aġenti aċidifikanti miżjudi permissi mir-Regolament

---

<sup>5</sup> ĠU L 124, 25.5.2000, p. 66.

(KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel\*. Din ir-referenza għandha tidher fuq il-pakkett, fuq tikketta mwaħħla mal-pakkett jew fuq dokument li jakkumpanja l-prodott.

\* ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16."

(3) L-Artikolu 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 7*

Sabiex din id-Direttiva tinġieb f'konformità mal-progress tekniku u sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti delegati, tadatta l-Annessi, ħliet għall-Parti I tal-Anness I u għall-Anness II.

Fejn il-Kummissjoni tiġi kkonferita b'setgħat delegati, hija għandha tagħxi skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7a."

(4) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 7a li ġej:

*"Artikolu 7a*

1. Is-setgħat biex jiġu adottati l-atti delegati msemmija f'din id-Direttiva għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indefinit.

Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dan, simultanjament, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

L-istituzzjoni li tkun tat bidu għal proċedura interna sabiex jiġi deċiż jekk għandhiex tiġi rrevokata d-delega tas-setgħat għandha tagħmel hliitha sabiex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni, f'perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, fejn għandha tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu suġġetti għal revoka u r-raġunijiet possibbli għar-revoka.

Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ggħib fi tmiemha d-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ immedjatement jew f'data sussegwenti speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validtà tal-atti delegati diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data ta' notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.

Jekk, mal-iskadenza ta' dak il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkun oġġezzjona għall-att delegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata hemmhekk.

L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ qabel ma jiskadi dak il-perjodu jekk kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill jkunu informaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal att delegat, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għala qed toġġezzjona għall-att delegat.”

- (5) L-Artikolu 8 għandu jiġi rrevokat.
- (6) L-Annessi għandhom jiġu sostitwiti bit-test stabbilit fl-Anness għal din id-Direttiva.

## *Artikolu 2*

### ***Traspożizzjoni***

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard minn 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tagħha. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

## *Artikolu 3*

### ***Dħul fis-seħħ***

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

***Destinatarji***

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul, [...]

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*  
*[...]*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
*[...]*

## ANNEX

### "ANNEX I

#### **ISMIJET TA' PRODOTTI, DEFINIZZJONIJIET TA' PRODOTTI U KARATTERISTIĊI**

##### **I DEFINIZZJONIJIET**

###### **1. a) Meraq tal-frott**

Il-prodott fermentabbli iżda mhux iffermentat miksub mill-parti li tittiekel ta' frott li ma jkunx imħassar u li jkun misjur, frisk jew ippreservat bit-tkessiġ jew bl-iffriżar, ta' tip wieħed jew aktar imħallta flimkien, li jkollu l-kulur, il-palat u t-togħma karatteristiċi tipiċi tal-meraq tal-frott li ġej minnu.

Palat, polpa u ċelloli miksuba b'mezzi fiżiċi adattati mill-istess speċi ta' frott jistgħu jiġu rikostitwiti fil-meraq.

Fil-każ tal-frott taċ-ċitru, il-meraq tal-frott għandu jiġi mill-endokarpu. Il-meraq tal-lajm, madankollu, jista' jinkiseb mill-frotta sħiħa.

Uħud mit-tipi ta' meraq jistgħu jiġu pproċessati minn frott b'żerriegħa rqiq, b'żerriegħa u bil-qoxra, li ġeneralment ma jiġux inkorporati fil-meraq; madankollu, partijiet jew komponenti miż-żerriegħa rqiq, miż-żerriegħa u mill-qoxra li ma jistgħux jitneħħew bi Prattiki tajba tal-manifattura għandhom jiġu aċċettati.

It-taħlit tal-meraq tal-frott mal-puré tal-frott għandu jiġi awtorizzat fil-produzzjoni tal-meraq tal-frott.

###### **b) Meraq tal-frott minn konċentrat**

Il-prodott miksub bir-rikostituzzjoni tal-meraq tal-frott ikkonċentrat iddefinit fil-Parti I.2 b'ilha tajjeb għax-xorb li jissodisfa l-kriterji tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem\*.

Il-kontenut ta' solidi tal-prodott lest għandu jissodisfa l-livell minimu Brix għall-meraq rikostitwit speċifikat fl-Anness V.

Jekk meraq minn konċentrat jiġi manifatturat minn frotta li ma tissemmiex fl-Anness V, il-livell Brix minimu tal-meraq rikostitwit għandu jkun il-livell Brix tal-meraq kif estratt mill-frotta li nużat sabiex isir il-konċentrat.

Fil-każ tar-ribes/passolina sewda, tal-gwava, tal-mango u tal-frotta tal-fjura tal-Passjoni (passion fruit), il-valuri minimi tal-grad Brix għandhom japplikaw biss għal meraq tal-frott rikostitwit u għal puré tal-frott rikostitwit prodotti fl-Unjoni Ewropea.

Palat, polpa u ċelloli miksuba b'mezzi fiżiċi adattati mill-istess speċi ta' frott jistgħu jiġu rikostitwiti fil-meraq.



Il-meraq jiġi ppreparat bi proċessi adattati, li jżommu l-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi, organolettiċi u nutrizzjonali essenzjali ta' tip medju ta' meraq tal-frotta li jkun ġej minnha.

It-taħlit ta' meraq tal-frott u/jew ta' meraq tal-frott ikkonċentrat ma' puré tal-frott u/jew ma' puré tal-frott ikkonċentrat għandu jkun awtorizzat fil-produzzjoni tal-meraq tal-frott minn konċentrat.

## **2. Meraq ta' frott ikkonċentrat**

Il-prodott miksub mill-meraq tal-frott ta' speċi waħda jew aktar bit-tneħħija fiżika ta' proporzjon speċifiku tal-kontenut tal-ilma. Fejn il-prodott huwa maħsub għall-konsum dirett, dik it-tneħħija għandha tkun ta' mill-inqas 50%.

Palat, polpa u ċelloli miksuba b'mezzi fiżiċi adattati mill-istess speċi ta' frott jistgħu jiġu rikostitwiti fil-konċentrati tal-meraq tal-frott.

## **3. Meraq tal-frott estratt bl-ilma**

Il-prodott miksub bid-diffużjoni bl-ilma ta':

- frotta sħiħa mimlija polpa li l-meraq tagħha ma jista' jiġi estratt bl-ebda mezz fiżiku, jew
- frotta sħiħa deidrata.

Prodotti ta' din ix-xorta jistgħu jkunu kkonċentrati u rikostitwiti. Il-kontenut ta' solidi tal-prodott lest għandu jissodisfa l-livell minimu Brix għall-meraq rikostitwit speċifikat fl-Anness V.

## **4. Meraq tal-frott deidrat/fi trab**

Il-prodott miksub mill-meraq tal-frott ta' speċi waħda jew aktar bit-tneħħija fiżika ta' kważi l-kontenut kollu tal-ilma.

## **5. Nektar tal-frott**

Il-prodott fermentabbli iżda mhux iffermentat miksub biż-żieda ta' ilma u/jew ta' zokkor u/jew ta' għasel mal-prodotti ddefiniti fil-Partijiet I.1, I.2, I.3 u I.4, ma' puré tal-frott u/jew ma' puré tal-frott ikkonċentrat u/jew ma' taħlita ta' dawk il-prodotti, b'dak il-prodott, barra minn hekk, jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness IV.

Fejn in-nektars ta' frott jiġu manifatturati mingħajr zokkor miżjud jew b'valur baxx ta' enerġija, iz-zokkor jista' jiġi sostitwit b'mod sħiħ jew parzjali b'sustanzi li jagħtu l-ħlewwa, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

Palat, polpa u ċelloli miksuba b'mezzi fiżiċi adattati mill-istess speċi ta' frott jistgħu jiġu rikostitwiti fin-nektar tal-frott.

## II. INGREDJENTI, TRATTAMENTI U SUSTANZI AWTORIZZATI

### 1. Kompożizzjoni

L-ispeċi li tikkorrispondi għall-isem botaniku fl-Anness V għandha tintuża fil-preparazzjoni tal-meraq tal-frott, tal-purejiet tal-frott u tan-nektars tal-frott li jkollhom l-isem tal-prodott għall-frotta applikabbli jew l-isem tal-prodott li jintuża b'mod komuni. Fl-ispeċijiet tal-frott li mhumiex inklużi fl-Anness V, għandu japplika l-isem botaniku jew l-isem komuni korrett.

Għall-meraq tal-frott, il-livell Brix għandu jkun dak tal-meraq kif ġie estratt mill-frott u ma għandux ikun immodifikat, ħlief bit-taħlit mal-meraq tal-istess speċi ta' frott.

Il-livell Brix minimu huwa stabbilit fl-Anness V mingħajr is-solidi ta' kwalunkwe ingredjent u addittivi fakultattivi miżjuda.

### 2. Ingredjenti awtorizzati

- Għandha tkun permessa ż-żieda tal-vitamini u tal-minerali awtorizzati fir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel\*\*.
- Palat, polpa u ċelloli li jiġu rikostitwiti fil-meraq tal-frott, fin-nektars, fil-meraq tal-frott minn konċentrat u fil-meraq tal-frott ikkonċentrat jistgħu jiġu rkuprati mill-istess speċijiet ta' frott.
- Għall-meraq tal-għeneb biss, jistgħu jiġu rikostitwiti l-imluħa tal-aċidi tartariċi.
- Iż-żieda ta' zokkor u/jew ta' għasel għandha tkun awtorizzata biss fin-nektars (sa 20% tal-piż totali tal-prodotti lesti) u f'uħud mill-prodotti speċifiċi tal-Anness III.
- Għall-prodotti ddefiniti fil-Partijiet I.1, I.2, I.3, I.4 u I.5, sabiex tiġi rregolata t-togħma aċiduża, għandha tkun awtorizzata ż-żieda ta' meraq tal-lumi u/jew ta' meraq tal-lajm u/jew ta' meraq tal-lumi kkonċentrat u/jew ta' meraq tal-lajm ikkonċentrat, sa 3 gm għal kull litru ta' meraq, espress bħala aċidu ċitriku anidru.
- Id-diossidu tal-karbonju, bħala ingredjent, għandu jkun awtorizzat.

Mal-meraq tat-tadam u mal-meraq tat-tadam minn konċentrat jistgħu jiġu miżjuda melħ, ħwawar u ħxejjex aromatiċi.

Iż-żieda kemm ta' zokkor kif ukoll ta' meraq tal-lumi jew tal-lajm, kemm jekk ikkonċentrat jew le, jew ta' aġenti aċidifikanti kif inhu permess mir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 mal-istess prodott għandha tiġi pprojbita għall-prodotti speċifiċi koperti mill-Anness III.

### 3. Trattamenti u sustanzi awtorizzati

- Proċessi ta' estrazzjoni mekkanika.
- Il-proċessi fiżiċi tas-soltu, inkluża l-estrazzjoni bl-ilma f'linja (in-line water extraction – diffużjoni) tal-parti li tittiekel tal-frott għajr l-għeneb għall-

manifattura ta' meraq tal-frott ikkonċentrat, sakemm il-meraq tal-frott ikkonċentrat li jinkiseb b'dan il-mod ikun konformi mal-Parti I.1.

- Għall-meraq tal-għeneb, fejn tkun intużat is-sulfitazzjoni bid-diossidu tal-kubrit tal-għeneb, għandha tiġi awtorizzata d-desulfitazzjoni b'mezzi fiżiċi, sakemm il-kwantità totali ta' SO<sub>2</sub> preżenti fil-prodott finali ma taqbiżx l-10 mg/l.
- Preparazzjonjiet bl-enzimi: pektinazijiet (għat-tkissir tal-pektin), proteinażijiet (għat-tkissir tal-proteini) u amilażijiet (għat-tkissir tal-lamtu) li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1332/2008.
- Ġelatina li tittiekel,
- Tannini,
- Silikazol,
- Faħam tal-kannol,
- Nitroġenu,
- Tafal assorbenti (bentonit).
- Mezzi ta' filtrazzjoni u aġenti ta' preċipitazzjoni kimikament inerti (eż. perlite, diatomite maħsula, ċelluloża, poliammid insolubbli, polivinilpolipirrolidon, polisterin), li jkunu konformi mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE\*\*\*.
- Mezzi ta' assorbiment kimikament inerti li jkunu konformi mad-Direttivi dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jintużaw biex inaqqsu l-kontenut ta' limonojd u ta' narinġin tal-meraq tal-frott taċ-ċitru mingħajr ma jaffetwaw b'mod sinifikanti il-kontenut ta' glukosid tal-limonojd, ta' aċidu, ta' zokkor (inklużi l-oligosakkaridi) jew ta' minerali.

\* ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32.

\*\* ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26.

\*\*\* ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.

## ANNEX II

### DEFINIZZJONIJIET TAL-MATERJA PRIMA

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. Frott

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, it-tadama wkoll għandha tiġi kkunsidrata bħala frotta.

2. Puré tal-frott

Il-prodott fermentabbli iżda mhux iffermentat li jinkiseb bi proċessi fiżiċi adattati bħall-mogħdija minn passatur, it-tisħiq, it-tħin tal-parti li tittiekel ta' frotta sħiħa jew imqaxxa mingħajr ma jitneħħa l-meraġ.

Il-frott ma jridx ikun imħassar, irid ikun misjur, u frisk jew ippreservat b'mezzi fiżiċi jew bi trattament(i) applikat(i) skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Unjoni Ewropea.

3. Puré tal-frott ikkonċentrat

Il-prodott miksub mill-puré tal-frott bit-tneħħija fiżika ta' proporzjon speċifiku mill-kontenut tal-ilma tiegħu.

Il-puré tal-frott ikkonċentrat jista' jkollu palat rikostitwit b'mezzi fiżiċi adattati, kif ġie ddefinit fil-Parti II.3, u li kollu għandu jkun irkuprat mill-istess speċi ta' frott.

4. Palat

Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1334/2008, il-palati għar-rikostituzzjoni għandhom jinkisbu matul l-ipproċessar tal-frotta msemmija billi jiġu applikati l-proċessi fiżiċi adattati. Dawn il-proċessi fiżiċi jistgħu jiġu applikati sabiex iżommu, jippreservaw jew jistabbilizzaw il-kwalità tal-palat u għandhom jinkludu b'mod partikolari t-tagħsir, l-estrazzjoni, id-distillazzjoni, il-filtrazzjoni, l-assorbiment, l-evaporazzjoni, il-frazzjonament u l-konċentrazzjoni.

Il-palat jinkiseb mill-partijiet li jittieklu tal-frott; madankollu, jista' jinkiseb ukoll minn żejt magħsur kiesaħ mill-qoxra tal-frott taċ-ċitru u mit-taħlit taż-żerriegħa.

5. Zokkor

- iz-zokkor kif iddefinit mid-Direttiva tal-Kunsill 2001/111/KE\*,
- il-ġulepp tal-fruttożju,
- iz-zokkor derivat mill-frott.

6. Għasel

Il-prodott iddefinit mid-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE\*\*.

7. Polpa jew ċelloli

Il-prodotti miksuba mill-partijiet li jittieklu tal-frott tal-istess speċi mingħajr ma jitneħħa l-meraq. Barra minn hekk, għall-frott taċ-ċitru, il-polpa jew iċ-ċelloli huma l-boroż tal-meraq miksuba mill-endokarpu.

\* ĠU L 10, 12.1.2002, p. 53.

\*\* ĠU L 10, 12.1.2002, p. 47.

### ANNEX III

#### DENOMINAZZJONIJIET PARTIKOLARI GĦAL ĊERTI PRODOTTI ELENKATI FL-ANNEX I

(a) “vruchtendrank”, għal nektars tal-frott;

(b) “Süßmost”;

Id-denominazzjoni “Süßmost” tista’ tintuża biss flimkien mal-ismijiet tal-prodotti “Fruchtsaft” jew “Fruchtnektar”;

– għal nektar tal-frott miksub esklussivament minn meraq tal-frott, minn meraq tal-frott ikkonċentrat jew minn taħlita ta’ dawn il-prodotti, li ma għandux toġhma tajba fl-istat naturali minħabba l-livell għoli ta’ aċidità tiegħu,

– għal meraq tal-frott miksub mit-tuffieħ jew mil-lanġas, biż-żieda ta’ tuffieħ fejn ikun xieraq, iżda mingħajr zokkor miżjud;

(c) “succo e polpa” jew “sumo e polpa”, għal nektars tal-frott miksuba esklussivament minn puré tal-frott u/jew minn puré tal-frott ikkonċentrat;

(d) “æblemest”, għal meraq tat-tuffieħ mingħajr zokkor miżjud;

(e) - “sur ... saft”, flimkien mal-isem (bid-Daniż) tal-frott użat, għal meraq mingħajr zokkor miżjud miksub minn ribes/passolina sewda, ċirasa, passolina ħamra, passolina bajda, lampun, frawli jew frott tas-sebuqa,

- “sød ... saft” jew “sødet ... saft” flimkien mal-isem (bid-Daniż) tal-frott użat, għal meraq miksub minn dan il-frott, b’aktar minn 200gm zokkor miżjud għal kull litru;

(f) “äpplemust”, għal meraq tat-tuffieħ mingħajr zokkor miżjud;

(g) “mosto”, sinonimu għal meraq tal-għeneb;

(h) frott taz-ziju tal-baħar (“seabuckthorn” berries), *Hippophae rhamnoides* L, għal meraq tal-berries.

## ANNEX IV

### DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI RELATATI MAN-NEKTARS TAL-FROTT

Nektars tal-frott magħmula minn	Kontenut minimu ta' meraq u/jew ta' puré (% skont il-volum tal-prodott)
<b>I. Frott b'meraq aċiduż li ma għandux togħma tajba fl-istat naturali</b>	
Il-frotta tal-fjura tal-Passjoni	25
Quito naranjillos	25
Ribes/passolina sewda	25
Passolina bajda	25
Passolina ħamra	25
Ribes/rużberri (gooseberries)	30
Frott taz-ziju tal-baħar (sallow-thorn berries jew "seabuckthorn" berries)	25
Pruna selvaġġa	30
Għanbaqar	30
Quetsches (xorta ta' għanbaqra)	30
Rowanberries	30
Warda Skoċċiża	40
Ċirasa qarsa	35
Ċirasa oħra	40
Mirtilli	40
Frott tas-sebuqa	50
Lampun	40
Berquq	40
Frawli	40
Ċawslit/tut	40
Cranberries	30
Sfarġel	50
Lumi u lajm	25
Frott ieħor ta' din il-kategorija	25
<b>II. Frott b'livell baxx ta' aċidità, b'ħafna polpa jew b'palat qawwi b'meraq li ma' għandux togħma tajba fl-istat naturali</b>	
Mango	25
Banana	25
Gwava	25
Papaja	25
Liċċi (lychee/litchi)	25
Azeroles (naspli Naplitani)	25
Soursop (frotta tal-annona)	25

Nektars tal-frott magħmula minn	Kontenut minimu ta' meraq u/jew ta' purè (% skont il-volum tal-prodott lest)
<i>Bullock's heart</i> jew anona li tikber fl-Indi tal-Lvant ( <i>custard apple</i> )	25
Puma kannella ( <i>sugar apples</i> jew <i>sweetsop</i> )	25
Rummien	25
Frott tal-anakardju	25
Għanbaqar Spanjol (Spanish plums)	25
Umbu (għanbaqar Brażiljan)	25
Frott ieħor ta' din il-kategorija	25
<b>III. Frott b'meraq ta' toġhma tajba fl-istat naturali</b>	
Tuffieħ	50
Lanġas	50
Ħawħ	50
Frott taċ-ċitru ħliet il-lumi u l-lajm	50
Ananas	50
Tadam	50
Frott ieħor ta' din il-kategorija	50



## ANNEX V

### LIVELLI MINIMI BRIX GĦAL MERAQ TAL-FROTT RIKOSTITWIT U GĦAL PURÉ TAL-FROTT RIKOSTITWIT

Isem Komuni tal-Frott	Isem Botaniku	Valuri minimi tal-grad Brix għal meraq tal-frott rikostitwit u għal puré tal-frott rikostitwit
Tuffieħa*	<i>Malus domestica Borkh.</i>	11.2
Berquqa**	<i>Prunus armeniaca L.</i>	11.2
Banana**	<i>Musa x paradisiaca L. (esklużi l-pjantaġġini)</i>	21.0
Ribes/passolina sawda*	<i>Ribes nigrum L.</i>	11.6
Għenba*	<i>Vitis vinifera L. jew ibridi tagħha</i> <i>Vitis labrusca L. jew ibridi tagħha</i>	15.9
Grejpfрут*	<i>Citrus x paradise Macfad.</i>	10.0
Gwava**	<i>Psidium guajava L.</i>	9.5
Lumija*	<i>Citrus limon (L.) Burm.f.</i>	8.0
Mango**	<i>Manifera indica L.</i>	15.0
Larinġa*	<i>Citrus sinensis (L.) Osbeck</i>	11.2
Il-frotta tal-fjura tal- Doccioni*	<i>Passiflora edulis Sims</i>	13.5
Ħawħa**	<i>Prunus persica (L.) Batsch var.</i> <i>persica</i>	10.0
Lanġasa**	<i>Pyrus communis L.</i>	11.9
Ananas*	<i>Ananas comosus (L.) Merr.</i>	12.8
Lampun*	<i>Rubus idaeus L.</i>	7.0
Ċirasa Qarsa*	<i>Prunus cerasus L.</i>	13.5
Frawla*	<i>Fragaria x ananassa Duch.</i>	7.0
Tadama	<i>Lycopersicon esculentum, Mill.</i>	5.0
Mandolina*	<i>Citrus reticulata Blanco</i>	11.2

Għal dawk il-prodotti mmarkati b'asterisk (\*), li jiġu prodotti bħala meraq, id-densità relattiva minima tal-meraq tiġi ddeterminata f'temperatura ta' 20°C mal-ilma f'temperatura ta' 20°C.

Għal dawk il-prodotti mmarkati b'żewġ asteriski (\*\*), li jiġu prodotti bħala puré, għandu jiġi ddeterminat biss qari minimu Brix li ma jkunx ikkorreġut (mingħajr korrezzjoni tal-aċidu).”